A.L. 88 ta' l-1988

ATT TA' L-1986 DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (ATT NRU. XLII TA' L-1986)

Regolamenti ta' l-1988 dwar Projbizzjoni ta' Tabakk li ma Jitpejjipx

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1986 dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 dwar Projbizzjoni ta' Tabakk li ma Jitpejjipx. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra – Tifsir.

"tabakk li ma jitpejjipx" tfisser tabakk immexxi jew maħsub biex jinżamm fil-ħalq biex wieħed jerdgħu jew isoffu, jinxtamm, jintgħomod jew għal xi għamla oħra ta' konsum bil-ħalq, u tinkludi niskata niedja sew jekk ikollha jew ma jkollhiex xi essenza miżjuda magħha, niskata magħmula minn tabakk niexef u tabakk tat-tagħmid, u tinkludi wkoll kull preparattiv li jkun fih dawn il-prodotti.

3. Ebda persuna ma tista' timporta, timmanifattura, tipprepara, taħżen, iżżomm għall-bejgħ, tbiegħ jew tissupplixxi b'kumpens jew xort'oħra, xi tabakk li ma jitpejjipx. Importazzjoni eċċ ta' tabakk li ma jitpejjipx, projbita.